

Brussell, 19 ta' Jannar 2018
(OR. en)

15436/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0310 (NLE)

AGRI 674
AGRIORG 121
AGRIFIN 129

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru
1370/2013 rigward il-limitazzjoni kwantitattiva applikabbli għax-xiri sfurzati
ta' trab tal-ħalib xkumat

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 rigward il-limitazzjoni kwantitattiva
applikabbli għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ġie rrapportat li l-istokkijiet ta' intervent pubbliku tat-trab tal-ħalib xkumat fl-Unjoni kienu ta' 357 359 tunnellata fi tmiem Lulju 2017. 22 710 tunnellata addizzjonali ġew offruti għax-xiri sfurzati bi prezz fiss sakemm għalaq il-perjodu ta' intervent fit-30 ta' Settembru 2017.
- (2) Is-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib qed jesperjenza differenza bla preċedent bejn il-prezzijiet tax-xaħam u l-prezzijiet tal-proteini minħabba domanda partikolarment għolja għall-butir.
- (3) Il-konsenji tal-ħalib fl-Unjoni mistennija li jiżdiedu fl-2018, u dan iwassal għal żieda fil-produzzjoni tal-butir u tat-trab tal-ħalib xkumat.
- (4) Il-prezzijiet tal-ħalib mhux ipproċessati li għandhom jisthallsu lill-bdiewa fl-2018 probabbilment se jibqgħu f'livell li jirrendi remunerattiva l-produzzjoni tal-ħalib minħabba d-domanda attwalment qawwija għall-butir u l-ġobon u dan minkejja l-prezzijiet relattivament baxxi tal-proteini tal-ħalib.
- (5) Dawk l-elementi tas-suq jgħolqu sitwazzjoni eċċezzjonali għas-sena 2018 li jeħtieġ li titqies b'mod speċifiku fir-rigward tal-operat tal-mekkaniżmu tal-intervent pubbliku għall-prodotti tal-ħalib.

- (6) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013¹ jistabbilixxi limitazzjoni kwantitattiva għax-xiri sfurzati tat-trab tal-ħalib xkumat għall-prezz fiss imsemmi fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament. Meta dak il-limitu jintlaħaq, ix-xiri sfurzati għandu jittwettaq permezz ta' proċedura tal-offerti biex jiġi determinat il-prezz massimu tax-xiri sfurzati.
- (7) Sabiex jiġi evitat li t-trab tal-ħalib xkumat jinxtara bi prezz fiss f' sitwazzjoni li ma tkunx konsistenti mal-objettivi tax-xibka ta' sikurezza, jenħteġ li kull intervent pubbliku għat-trab tal-ħalib xkumat jiġi operat taħt proċedura tal-offerti. Għal dak il-għan, jenħteġ li l-limitazzjoni kwantitattiva għax-xiri sfurzati ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss tiġi ffissata għal zero għas-sena 2018.
- (8) Għalhekk, jenħteġ li r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 jiġi emendat skont dan.
- (9) Sabiex ikun żgurat li l-miżura temporanja prevista f'dan ir-Regolament ikollha impatt immedjat fuq is-suq u sabiex l-operaturi tas-suq ikunu jistgħu jiġu infurmati fi żmien xieraq qabel il-bidu tal-kampanja ta' intervent li jmiss, jenħteġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fis-sena 2018, il-limitazzjoni kwantitattiva għax-xiri sfurzati ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss għandha tkun ta' 0 tunnellati.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President